

Paġna ewlenija > Leġiżlazzjoni u każistika > Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)
Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)

Spanja

II-Koordinatur Nazzjonali tal-ECLI

Il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI huwa CENDOJ (*CENTRO DE DOCUMENTACION JUDICIAL*), iċ-Ċentru għad-Dokumentazzjoni Ġudizzjarja, korp tekniku fil-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura ta' Spanja: endoj.ecli@cgpj.es.

Kodiċi tal-pajjiż

Il-kodiċi għal Spanja huwa: [ES]

II-ħolqien ta' ECLI nazzjonali

L-ECLI ġie introdott fi Spanja fl-2012.

Dan kien possibbli minħabba li mill-bidu tal-Proġett ECLI fis-27 ta' Ottubru 2011, il-ġurisprudenza fi Spanja diġà kellha identifikatur nazzjonali, imsejjaħ ROJ (*Repositorio Oficial de Jurisprudencia*) - ir-Repożitorju Uffiċjali tal-Ġurisprudenza, li jidentifika d-deċiżjonijiet meħuda mill-qrati Spanjoli kollha, mill-Qrati tal-Prim'Instanza tal-Qorti Suprema.

Permezz tas-sit <https://www.poderjudicial.es>, qed noffru liċ-ċittadini kollha aċċess miftuħ għad-deċiżjonijiet meħuda mill-qrati Spanjoli kollha, li jikkonsistu f'5 600 000 sentenza li jidiedu kull sena. L-Imħallfin/il-Maġistrati, il-Prosekuturi u s-Segretarji Ġudizzjarji għandhom aċċess f'ambjent ristrett għal informazzjoni addizzjonali u ħoloq għall-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali (*Tribunal Constitucional*), il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, kif ukoll għal-leġiżlazzjoni u d-duttrina ġuridika nazzjonali u internazzjonali: <https://www.poderjudicial.es>.

Bħalissa qed inżommu l-identifikatur nazzjonali tar-ROJ - l-ID tas-CENDOJ - bħala l-korp uffiċjali għat-tixrid tal-ġurisprudenza Spanjola, u l-ECLI għal-livell Ewropew. Fuq il-portal tal-e-justice, għalhekk għandna, sal-2014, 2 500 000 deċiżjoni tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo*), il-Qorti Superjuri Nazzjonali (*Audiencia Nacional*), il-Qrati Superjuri tal-Ġustizzja (*Tribunales Superiores de Justicia*) u l-Qrati Proviñċjali (*Audiencias Provinciales*), kif ukoll għażla ta' sentenzi mill-Qrati tal-Prim'Instanza (*Primera Instancia*) li huma ta' interess ġuridiku jew li għandhom impatt soċjali. L-għadd ta' deċiżjonijiet jidiedu kuljum malli jittellgħu fis-sistema. Il-proċess ta' integrazzjoni ECLI tlesta fi Spanja, u bħalissa aħna sħab fil-proġett BO-ECLI.

L-ECLIs fi Spanja jikkonsistu fl-oqsma li ġejjin:

"ECLI";

Il-kodiċi tal-pajjiż: "ES"

Il-kodiċi tal-qorti: akronimu li jindika l-qorti fejn inqatgħet is-sentenza. – ara t-taqsimha "kodiċijiet tal-qorti ECLI";

Is-sena tad-deċiżjoni;

Numru tas-serje, li fil-każ ta' Spanja jkun in-numru sekwenzarju tal-identifikatur nazzjonali ROJ. Dan ifisser li ladarba sentenza tiġiha assenjata r-ROJ tagħha, ikun possibbli li jiġiha assenjat awtomatikament l-ECLI korrispondenti tagħha.

Barra minn hekk, fil-każ ta' Ordnijiet (*Autos*), tiżdied l-ittra "A" ma' tmiem in-numru sekwenzjali.

EŻEMPJI:

Meta r-ROJ ikun: l-identifikatur nazzjonali tal-ġurisprudenza.

1) *Sentenza tal-Qorti Superjuri Nazzjonali tat-30 ta' Mejju 2014. Il-Qorti Kriminali, b'ROJ [SAN 2389/2014](#)

L-ECLI korrispondenti jkun:

ECLI:ES:AN:2014:2389

2) *Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Nazzjonali tal-15 ta' April 2011. Il-Kamra tal-Appelli ta' Burgos, il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León, b'ROJ: STSJ CL 782/2011

L-ECLI korrispondenti jkun:

ECLI:ES:TSJCL:2011:782

Ordni tal-Awla għall-Materji Kriminali tal-Qorti Superjuri Nazzjonali tad-29 ta' Ottubru 2015, b'ROJ: ANN 199/2015

L-ECLI korrispondenti jkun:

ECLI:ES:AN:2015:199A

Il-kodiċijiet tal-qorti ECLI:

Fi Spanja, il-kodiċi tal-qorti għall-ECLI huwa rrappreżentat bl-użu tal-akronimu tal-qorti li tkun tat is-sentenza u li jikkorrispondi għal dak użat fl-identifikatur nazzjonali ROJ tas-sentenza.

AKROMIMU	ISEM
TS	Il-Qorti Suprema
AN	Il-Qorti Superjuri Nazzjonali
TSJAND	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Andalusija
TSJAR	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Aragona
TSJAS	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Asturji
TSJBAL	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Gżejjer Baleariċi
TSJICAN	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Gżejjer Kanarji
TSJCANT	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Kantabrija
TSJCL	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Kastilja u León
TSJCLM	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Kastilja-La Mancha
TSJCAT	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalunja
TSJCV	Il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Komunità ta' Valenzja

TSJEXT	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Extremadura
TSJGAL	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Galizja
TSJLR	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' La Rioja
TSJMAD	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Madrid
TSJMU	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Murcia
TSJNAV	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Navarra
TSJPV	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Pajjiż Bask
TSJCE	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Ceuta
TSJML	II-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Melilla
APVI	II-Qorti Provinċjali ta' Álava
APAB	II-Qorti Provinċjali ta' Albacete
APA	II-Qorti Provinċjali ta' Alicante
APAL	II-Qorti Provinċjali ta' Almería
APAV	II-Qorti Provinċjali ta' Ávila
APBA	II-Qorti Provinċjali ta' Badajoz
APIB	II-Qorti Provinċjali ta' Gżejjer Baleariċi
APB	II-Qorti Provinċjali ta' Barċellona
APBU	II-Qorti Provinċjali ta' Burgos
APCC	II-Qorti Provinċjali ta' Cáceres
APCA	II-Qorti Provinċjali ta' Cádiz
APCS	II-Qorti Provinċjali ta' Castellón
APCR	II-Qorti Provinċjali ta' Ciudad Real
APCO	II-Qorti Provinċjali ta' Córdoba
APC	II-Qorti Provinċjali ta' A Coruña
APCU	II-Qorti Provinċjali ta' Cuenca
APGI	II-Qorti Provinċjali ta' Girona
APGR	II-Qorti Provinċjali ta' Granada
APGU	II-Qorti Provinċjali ta' Guadalajara
APSS	II-Qorti Provinċjali ta' Guipúzcoa
APH	II-Qorti Provinċjali ta' Huelva
APHU	II-Qorti Provinċjali ta' Huesca
APJ	II-Qorti Provinċjali ta' Jaén
APLE	II-Qorti Provinċjali ta' León
APL	II-Qorti Provinċjali ta' Lleida
APLO	II-Qorti Provinċjali ta' La Rioja
APLU	II-Qorti Provinċjali ta' Lugo
APM	II-Qorti Provinċjali ta' Madrid
APMA	II-Qorti Provinċjali ta' Málaga
APMU	II-Qorti Provinċjali ta' Murcia
APNA	II-Qorti Provinċjali ta' Navarra
APOU	II-Qorti Provinċjali ta' Ourense
APO	II-Qorti Provinċjali ta' Asturias
APP	II-Qorti Provinċjali ta' Palencia
APGC	II-Qorti Provinċjali ta' Las Palmas
APPO	II-Qorti Provinċjali ta' Pontevedra
APSA	II-Qorti Provinċjali ta' Salamanca
APTF	II-Qorti Provinċjali ta' Santa Cruz ta' Tenerife
APS	II-Qorti Provinċjali ta' Cantabria
APSG	II-Qorti Provinċjali ta' Segovia
APSE	II-Qorti Provinċjali ta' Sivilla
APSO	II-Qorti Provinċjali ta' Soria
APT	II-Qorti Provinċjali ta' Tarragona
APTE	II-Qorti Provinċjali ta' Teruel
APTO	II-Qorti Provinċjali ta' Toledo
APV	II-Qorti Provinċjali ta' Valenzja
APVA	II-Qorti Provinċjali ta' Valladolid
APBI	II-Qorti Provinċjali ta' Vizcaya
APZA	II-Qorti Provinċjali ta' Zamora
APZ	II-Qorti Provinċjali ta' Zaragoza
APCE	II-Qorti Provinċjali ta' Ceuta

APML	Il-Qorti Provinċjali ta' Melilla
JPII	Il-Qorti tal-Prim'Istanza u l-Qorti Kriminali Lokali
JPI	Il-Qorti tal-Prim'Istanza
JI	Il-Qorti Kriminali Lokali
JSO	Il-Qorti tal-Affarijiet Soċjali
JCA	Il-Qorti tal-Appelli Amministrattivi
JM	Il-Qorti Kummerċjali
JVM	Il-Qorti tal-Vjolenza kontra n-Nisa
JP	Il-Qorti Kriminali
JVP	Il-Qorti ta' Viġilanza Penitenzjarja
JME	Il-Qorti tal-Minuri
JF	Il-Qorti tal-Familja

L-aħħar aġġornament: 26/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.